MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-10 ta' April, 2014

Mandat Numru. 448/2014/1

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Joseph Portelli ( ID 638648M)**

**U**

**Doris Portelli (ID 347951M)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors datat il-21 ta’ Marzu, 2014;

2. Rat id-digriet preliminari taghha ukoll il-21 ta’ Marzu, 2014;

3. Rat ir-risposta tal-intimati datata d-9 t’April, 2014;.

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

6.0. Rat il-verbali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datati l-10 t’April, 2014, fejn sintetikament issottomettew is-segwenti:

6.1. Illi s-socjeta` rikorrenti, filwaqt li taghmel referenza ghad-data tan-notifika tal-intimati, senjatament il-21 ta’ Marzu, 2014, (ara fol 7), tirrileva li r-risposta ta’ l-intimati tirrizulta datata d-9 t’April, 2014;

6.2. Illi ghalhekk, *ai fini*, tal-artiklu 875(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-risposta *de quo* tirrizulta *fuori termine*;

6.3. Illi konsegwentement, is-socjeta` rikorrenti talbet l-isfilz tal-imsemmija risposta tal-intimati;

7.0. Illi min-naha taghhom l-intimati jsostnu s-segwenti fl-istess verbal taghhom tal-istess 10 t’April, 2014;

7.1. Illi r-raguni ghal din it-tardivita` kienet ghaliex l-intimat Joseph Portelli kien rikoverat l-isptar;

7.2. Illi hu effettivament hareg mill-isptar fit-2 t'April, 2014;

Ikkunsidrat:

8. Illi wara ezami fattwali tad-dokumentazzjoni fil-process jirrizulta li effettivament ir-risposta *de quo* hi tardiva;

9. Illi jirrizulta wkoll assodat li l-intimata Doris Portelli ma kellha xejn x'jimpediha milli tintavola risposta *ai termini* tal-artiklu 875 (1) tal-Kap 12 precitat;

10.0. Illi rat id-digriet taghha datat l-10 t'April, 2014, fejn wara li l-Qorti evalwat il-vertenza periferali hekk sollevata iddikjarat is-segwenti:

10.1. Illi r-risposta tal-intimati hi tardiva;

10.2. Illi konsegwentement laqghet it-talba tas-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

11. Semghet is-sottomissjonijiet tal-kontendenti:

Ikkunsidrat:

12.0. Illi r-rikors promotur jista' jigi sintetikament espost bil-mod segwenti:

12.1. Illi s-socjeta` jinhtigilha tikkawtela l-kreditu li ghandha fil-konfront tal-intimati;

12.2. Ilil ghalhekk qed titlob li jinhareg il-mandat t'inibizzjoni odjern, biex l-intimati jinzammu milli jbieghu, inehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos*, kemm b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta`, b'mod partikolari razzett, maghruf bhala Tal-Fatima, kif deskritt fl-istess rikors, (ara fol 1);

12.3. Ilil dan qed isir in kawtela tal-kreditu kospikwu, li s-socjeta` rikorrenti ghandha fil-konfront tal-intimati, (ara r-rikors promotur fol 2);

Ikkunsidrat:

13.0. Illi wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet tirrileva s-segwenti:

13.1. Illi *ai termini* tal-artiklu 873 tal-Kap 12 fuq riferit ghandu jkun pacifiku li l-iskop ta' procedura bhal dik in dizamina hu li jzomm persuna milli taghmel xi haga, tkun li tkun, li tista' tirreka hsara immedjata lill-parti li titlob il-hrug ta' tali mandat;

13.2. Illi biex jintlahaq dan l-iskop jehtieg is-segwenti:

13.2.1. Illi r-rikorrenti juru li l-mandat minnu mitlub hu necessarju biex jigu protetti d-drittijiet legittimi minnu pretizi;

13.2.2. Illi jkun jidher li r-rikorrenti jkollu wkoll *prima facie* dawk id-drittijiet minnu pretizi;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi l-fatti kif esposti mis-socjeta` rikorrenti jindikaw *prima facie* is-segwenti:

14.1. Illi l-intimati huma debituri tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' aktar minn tlett miljun Ewro, (€3,000,000.00), oltre l-imghaxijiet involuti;

14.2. Illi l-aljenazzjoni tar-razzett in dizamina jippregudika serjament il-pagament tad-debitu dovut mill-intimati lis-socjeta` rikorrenti;

**DECIDE:**

15.0. Illi in vista tal-premess tqis li s-socjeta` rikorrenti ippruvat it-talbiet taghha skond il-ligi, u konsegwentement, takkolji t-talbiet ta' l-istess socjeta` rikorrenti;

15.1. Tiddikjara li qed tvarja *contrario imperio* id-digriet precedenti taghha datat il-21 ta' Marzu, 2014;

15.2. Tiddikjara li qeghda ghalhekk tilqa' it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti biex il-mandat t'inibizzjoni *de quo* issa jinhareg b'mod permanenti;

15.3. Bl-ispejjez kontra l-intimati.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

DECIZJONI FINALI

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------